# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX) INFERJURI

## MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M (CARDIFF) ADV. TRIB. ECCL. MELIT.

**Illum, il-Ġimgħa, 30 ta' Settembru 2022**

**Avvuż numru: 8/2016 BS**

**Tabone Computer Centre Limited (C-12340)**

**-vs-**

**Justin Andrew Buttigieg;**
**Emanuel Buttigieg;**
**u Jane Buttigieg**

**Il-Qorti;**

Rat l-Avviż li permezz tiegħu, is-soċjetà attriċi talbet lill-konvenuti jgħidu għaliex m'għandhomx jiġu kkundannati jħallsu s-somma ta' sitt elef mija u disgħin ewro (€6,190) bilanċ dovut lill-mittenti rappreżentanti kreditu għall-provisti ta' merkanzija lilkom mibjugħa u konsenjata flimkien mas-somma ta' elf sitt mija u dsatax-il ewro u sitta u erbgħin ċenteżmu (€1,619.46ċ) rappreżentanti interessi legali kummerċjali fuq l-imsemmi ammont sad-data li fiha ġiet ippreżentata l-Ittra Uffiċjali numru 871/2016 kif ukoll l-ispejjeż kollha inkorsi mar-

rikorrenti inkluż dawk tal-istess Ittra Uffiċjali kif ukoll tal-mandat ta' sekwestru numru 1019/2016.

**Rat ir-risposta tal-konvenuti Emanuel u Jane konjuġi Buttiġieġ li permezz tagħha eċċepew**:

ILLI l-esponenti m'humiex leġittimi kuntraditturi f'din il-kawża in kwantu huma qatt ma xtraw xejn mingħand is-soċjetà attriċi, u huma m'għandhom l-ebda rapport ġuridiku magħha. Għaldaqstant, filwaqt li qed jiċħdu t-talbiet, kif dedotti kontra tagħhom, bħala infondati fid-dritt u fil-fatt, huma qed iżommu lis-soċjetà rikorrenti wkoll responsabbli għal kwalunkwe danni li jistgħu jsofru per konsegwenza tal-mandat ta' sekwestru kontra tagħha, in konnessjoni ma' din l-istess kawża;

ILLI peress li huma m'humiex edotti mill-fatti ta' din il-kawża, fi kwalunkwe każ u mingħajr preġudizzju għall-premess, l-esponenti qed jirriservaw id-dritt li jikkontestaw kwalunkwe aspett jew ammont tat-talba magħmula f'din il-kawża, skont ma jirriżulta mis-smigħ tal-provi fil-kawża;

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Bl-ispejjeż.

**Rat ir-risposta tal-konvenut Justin Buttiġieġ li permezz tagħha eċċepixxa:**

1. ILLI t-talbiet tas-soċjetà attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan hekk kif ser jirriżulta ampjament waqt it-trattazzjoni tal-kawża.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri fil-fatt u fid-dritt.

**Il-Qorti;**

Rat li din il-kawza ġiet assenjata lilha fis-7 ta Frar, 2022;

Rat illi fl-udjenza tas-17 ta' Marzu 2017 il-Qorti kif dakinhar preseduta laqgħet it-talba tas-soċjetà attriċi u ordnat l-allegazzjoni tal-atti tal-Mandat ta' Sekwestru bin-numru 1019/2016 fl-ismijiet Tabone Computers Centre Limited vs Justin Andrew Buttigieg u tal-Avviż numru 124/2016 FDP fl-ismijiet premessi;

Rat illi b'digriet tat-18 ta' Diċembru 2017 il-Qorti kif dak inhar preseduta laqgħet it-talba kif ifformolata fir-rikors tal-konvenut Justin Andrew Buttigieg tal-4 ta' Diċembru 2017 u awtorizzatu jressaq nota ta' eċċezzjoniiet ulterjuri relatata mal-preskrizzjoni;

**Rat illi fil-15 ta' Frar 2018 il-konvenut Justin Andrew Buttigieg ippreżenta nota ta' eċċezzjonijiet ulterjuri fejn eċċepixxa:**

*Illi bla preġudizzju għall-eċċezzjonijiet fil-mertu diġa mogħtija l-esponenti jressaq l-preskrizzjoni ta' tmintax-il xahar a tenur tal-artikolu 2148(B) tal-Kodiċi.*

Rat illi l-Qorti diversament preseduta ħalliet il-kawża għal sentenza limitatament dwar l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni;

Rat illi b'deċiżjoni in parte tal-15 ta' Jannar 2019 il-Qorti diversament preseduta ċaħdet l-eċċezzjoni ulterjuri tal-konvenut Justin Andrew Buttigieg u ħalliet il-kawża għall-kontinwazzjoni;

Rat illi fl-udjenza tal-21 t'Ottubru 2020 il-Qorti kif dak inhar preseduta ordnat li jsir konfront bejn Emanuel Buttigieg u Joseph Tabone għar-rigward il-punt meta saret il-komunikazzjoni bejniethom;

Rat illi l-konfront kif ordnat fil-verbal tal-21 t'Ottubru 2020 sar matul l-udjenza tas-6 ta'Mejju 2021;

Rat l-atti kollha tal-kawża fl-intier tagħhom inkluż ix-xhieda ġa akkwiżita, id-dokumenti esebiti u l-atti allegati;

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum bil-fakoltà illi l-partijiet jippreżentaw nota ta' sottomissjonijiet finali;

**Ikkunsidrat:**

Is-soċjetà attriċi qiegħda titlob li l-konvenuti jiġu kkundannati s-somma ta' sitt elef mija u disgħin ewro (€6,190) rappreżentanti minn bilanċ minn somma akbar dwar il-provvista ta' merkanzija, kif ukoll is-somma ta' elf sitt mija u dsatax-il ewro u sitta u erbgħin ċenteżmu (€1,619.46ċ) rappreżentanti mgħaxx legali sa kemm ġiet ippreżentata l-ittrra uffiċjali 871/16 kif ukoll l-ispejjeż legali tal-ittra uffiċjali bin-numru 871/16 u dawk tal-mandat ta' sekwestru 1019/16.

Il-konvenuti Emanuel u Jane Buttigieg laqgħu *in primis* billi eċċepew illi m'humiex leġittimi kontraditturi għat-talbiet attriċi stante illi m'għandhomx relazzjoni ġuridika magħha.

Kwantu għall-konvenut Justin Buttigieg, għalkemm inizjalment illimita ruħu li jeċċepixxi li t-talbiet huma infondati fil-fatt u fid-dritt, fi stadju ulterjuri eċċepixxa wkoll il-preskrizzjoni fit-termini tal-Artikolu 2148(b) tal-Kap 16 liema eċċezzjoni diġà ġiet trattat u deċiża b'sentenza in parte tal-15 ta' Jannar 2019.

**Il-Leġittimu Kontradittur**

Hija kristallizzata l-ġurisprudenza li tidentifika l-kriterji li għandhom jiġu applikati sabiex jiġi identifikat min huwa leġittimu kontradittur f'kawża. F'dan ir-rigward il-Qorti sejra

tagħmel refrenza għall-ġabra ta' ġurisprudenza li l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) rreferiet għalih fis-sentenza tagħha tal-15 ta' Diċembru 2017 fil-kawża fl-ismijiet **Angela sive Gina Balzan vs L-Onorevoli Prim Ministru et**:

*"Kif qalet riċentement din il-Qorti stess fil-kaz **Joseph Grech et vs Nikka Developments Company Limited et** deciz fit-3 ta' Novembru 2017 –*

*Dwar l-argument tas-socjeta' li hija mhijiex legittimu kontradittur, kif qalet din il-Qorti fil-kaz **Pauline MacDonald vs Medistar Healthcare Services Limited et** deciz fit-28 ta' Settembru 2016 –*

*"Il-kriterji li jirrendu parti f'kawza bhala legittimu kontradittur jirrizultaw ben cari mill-gurisprudenza:*

***Focal Maritime Services Company Limited vs Top Hat Company Limited** deciza fid-9 t'April 2008 mill-Qorti tal-Appell*:

*"In linea ta' principju generali huwa, bla dubju, indiskuss illi d-deduzzjoni ta' konvenut f'gudizzju trid, neċessarjament, titwieled minn rapport guridiku, sija jekk dan jemani minn kuntratt, leżjoni ta' dritt minn intervent delittwuż jew akwiljan, ope successionis jew minn sitwazzjonijiet strutturalment komuni (ad eżempju, f'kondominju jew il-krejazzjoni ta' erti servitujiet). Li jfisser, b'konsegwenza, illi kawża ma tkunx tista' tikkonsegwi l-iskop taghha jekk mhux fil-konfront ta' dak li mieghu l-attur, ghal xi wahda mill-konnessjonijiet aċċennati, ghandu relazzjoni guridika.*

*Fil-kaz fl-ismijiet **Edgar Urpani pro et noe vs Continental Meat Co. Ltd** deciz fit-23 t'Ottubru 200918 intqal hekk:*

*"Huwa ben risaput illi, u apparti mill-operat tal-ligi, il-kostituzzjoni in gudizzju ta' parti mharrka tinsel minn qaghda ta' rapport guridiku precedenti, sija kontrattwali, extra-kontrattwali, delittwuz jew*

*akwiljan. Ara Artikolu 959 Kodici Civili. Dan necessarjament ifisser illi l-azzjoni proposta jrid ikollha bejn il-partijiet konnessjoni ma' l-oggett jew it-titolu tal-kawza."*

*Illi inoltre l-gurisprudenza tkompli hekk:*

*"Ghal fini tal-valutazzjoni ta' l-integrita` tal-kontradittorju rigward irid isir b'mod esklussiv ghal dak prospettat mill-attur bit-talba tieghu. Dan ghaliex il-kontradittorju hu determinat fuq il-bazi tad-domanda proposta." (**Avukat Dr Aaron Mifsud Bonnici noe vs European Institute of Education Limited**).*

*Inoltre fil-kaz **Av. Michael Psaila noe vs Joseph Pace et** deciz fit-3 ta' Ottubru 200820 inghad li –*

*"Min jecepixxi li hu mhux il-legittimu kontradittur jehtieg illi jipprova li hu ma kienx il-persuna li kellu jirrispondi ghat-talba proposta bl-istanza ghaliex hu ma kienx dahal f'ebda rapport mar-rikorrent noe jew li m'ghadx ghandu tali rapport."*

Il-Qorti sejra wkoll tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Frankie Refalo et vs Jason Azzopardi et** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-5 t'Ottubru 2001 fejn fir-rigward tal-istitut tal-leġittimu kontradittur sostniet hekk:

*"Biex jiġi stabbilit jekk parti in kawża kienetx jew le leġittimu kontradittriċi tal-parti l-oħra, l-Qorti trid bilfors tivverifika prima facie jekk il-persuna ċitata fil-ġudizzju, kienetx materjalment parti fin-negozju li, skont l-attur, ħoloq ir-relazzjoni ġuridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti.*

*Jekk dan in-ness jiġi stabbilit, il-persuna ċitata setgħet titqies li kienet persuna idoneja biex tirrispondi għat-talbiet attriċi, inkwantu dawn ikunu jaddebitawlha obbligazzjoni li kienet mitluba tissodisfa dan inkwantu il-premessi għaliha, jekk provati, setgħu iwasslu għall-*

*kundanna mitluba f'każ li jinstab li l-istess konvenut ma jkollux eċċezzjonijiet validi fil-liġi x'jopponi għaliha. Dan, naturalment ma jfissirx li jekk il-Qorti tiddeċiedi li l-konvenut kien ġie sewwa ċitat inkwantu jkun stabbilit li l-interess ġuridiku tiegħu fil-mertu kif propost mill-attur illi hu kellu neċessarjament ikun finalment tenut bħala l-persuna responsabbli biex tirrispondi għat-talbiet attriċi kif proposti, kif lanqas ifisser li l-istess konvenut ma jkollux eċċezzjonijiet validi fil-mertu, fosthom dik li t-talbiet attriċi kellhom fil-fatt ikunu diretti lejn ħaddiehor ukoll inkwantu dan ikun involut fl-istess negozju u li allura seta' jiġi wkoll ċitat bħala leġittimu kontradittur fil-kawża.*

*Id-dikjarazzjoni tal-Qorti li parti in kawża tkun leġittimu kontradittur lanqas ma kienet tfisser li l-Qorti ma setgħetx, fil-konsiderazzjoni tal-eċċezzjonijiet opposti għat-talbiet, tasal għall-konkluzzjoni li l-konvenut - dikjarat prima facie leġittimu kontradittur - kien wara t-trattazzjoni tal-kawża jirriżulta għal kollox estranju għar-responsabilitajiet lilu addebitati mill-attur fl-azzjoni minnu tentata."*

Fix-xhieda tiegħu id-direttur tas-soċjetà attriċi, Joseph Tabone, bħal donnu jrid jimplika li 'Reboot' ossia l-ħanut li minnu jopera n-negozju tiegħu il-konvenut Justin Buttigieg, jappartjeni wkoll lill-konvenut Emanuel Buttigieg li jiġi missier Justin Buttigieg.

Mill-kumpless tal-provi jirriżulta li Joseph Tabone dejjem tratta u nnegozja direttament ma' Justin Buttigieg. Tant dan huwa minnu li l-*e-mails* kollha in atti kif ukoll l-*invoices* tax-xogħol konsenjat jgħajtu kollha lil Justin Buttigieg.

Fil-kors tax-xhieda tiegħu Joseph Tabone għamel enfasi kbira fuq l-involviment ta' Emmanuel Buttigieg f'Reboot. Minkejja dan però Tabone ma ressaq ebda prova f'dan ir-rigward. Jgħid biss illi kien tkellem mal-konvenut Emanuel Buttigeg u li dan tal-aħħar apparentement kien indaħal fil-biċċa tax-xogħol billi qal lil Tabone jagħti opportunità lil Justin Buttigieg sabiex isib saqgħajh. Tabone jisħaq ukoll li l-fatt li l-indirizz postali li jintuża

minn Justin Buttigieg u minn Reboot huwa dak tar-residenza ta' Emanuel u Jane Buttieg, huwa prova suffiċjenti tal-fatt li Reboot tappartjeni ukoll lil Emanuel Buttigieg.

Waqt illi ċertament għandu rilevanza dak illi seta' ngħad bejn il-partijiet f'din il-kawża, f'dan il-każ il-Qorti hija rinfaċċjata b'verżjonijiet dijametrikament opposti fejn waqt li Tabone qiegħed jimplika l-involviment personali ta' Emmanuel Buttiegieg, dan tal-aħħar ċaħad kategorikament li huwa għandu xi involviment fin-negozju ġestit minn ibnu. Ċaħad ukoll li tkellem ma' Tabone tliet (5) darbiet. Xehed illi tkellem mieghu darba waħda biss wara li kien Tabone stess li ċempillu. Issokta jgħid illi billi tkellem ma' Tabone hu ma kienx qiegħed jindaħal fin-negozju iżda sempliċement kien qiegħed jintervjeni sabiex jgħin lil ibnu.

Waqt illi qieset bir-reqqa dak illi xehdu l-partijiet, il-Qorti tqis illi l-atti huma nieqsa minn provi konkludenti. Jirriżultaw biss allegazzjonijiet u konġetturi li l-Qorti żgur ma tistax tibbaża d-deċiżjoni tagħha fuqhom. L-unika ċertezza li tirriżulta mill-provi dokumentarji hija li l-irċevuti relattivi għall-konsenja tal-oġġetti li tagħhom is-soċjetà attriċi qiegħda titlob il-ħlas inħarġu lkoll f'isem Justin Buttieig waqt illi isem Emmanuel u/jew Jane Buttigieg ma jirriżulta assolutament imkien fuq dawn id-dokumenti.

Ferm il-premess, il-Qorti tqis illi s-soċjetà attriċi ma seħħilhiex tagħmel il-prova ta' ness ġuridiku bejn il-konvenuti Emanuel u Jane konjuġi Buttigieg u n-negozju mertu tat-talbiet. Għaldaqstant waqt illi tilqa' l-eċċezzjoni u tiddikjara illi l-konvenuti Emanuel u Jane Buttigieg mhumiex leġittimi kontraditturi għat-talbiet attriċi, tilliberahom mill-osservanza tal-ġudizzju.

**Il-Mertu**

Fix-xhieda tiegħu Justin Buttigieg saħaq li huwa ħallas is-somma ta' sitt elef mija u disgħin ewro (€6,190) għas-saldu ta' dak dovut għall-konsenja tal-oġġetti. Xehed illi wara l-pagament inizzjali fis-somma ta' elf u tliet mija (€1,300), saru tliet (3) pagamenti oħra, żewġ pagamenti għas-somma ta' elfejn ewro (€2,000) kull pagament u pagament ieħor fis-somma ta' elfejn mija u disgħin (€2,190). Xehed illi l-pagamenti saru kollha in kontanti u riċevuta qatt ma ngħata. Xehed ukoll illi għalkemm insista li jingħata riċevuta din baqgħet ma ngħatat qatt. Ladarba rribatta li ebda ħlas ma huwa dovut għaliex il-ħlas sar diġà, jinkombi fuq il-konvenut jagħmel il-prova li l-pagamenti verament saru. F'dan ir-rigward però l-provi huma mankanti għalkollox. Jekk huwa minnu li l-konvenut ħallas l-ammont kollu għas-saldu kien imiss lilu li jisħaq li jingħata d-debita riċevuta anki għaliex mingħajr riċevuta l-konvenut m'għandu ebda prova li verament ħallas. F'dan ir-rigward Tabone xehed illi l-uniku ħlas li rċieva mingħand il-konvenut kien dak fis-somma ta' elf u tliet mija (€1,300) altrimenti m'għaddew ebda pagamenti. Xehed ukoll illi anki li kieku għall-grazzja tal-argument għadda xi pagament fi flus kontant, is-soċjetà attriċi xorta waħda kienet toħroġ riċevuta għaliex dan isir dejjem irrispettivament mill-modalità tal-pagamanet. Jissokta jgħid illi l-fatt la ma nħarġitx riċevuta juri ċar u tond li ħlas ma sarx.

F'kuntest ta' kunflitt ta' provi, għandha ssir referenza għall-Artikolu 562 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jisħaq li:

*"l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah."*

Issir ukoll referenza għall-artikolu 559 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jisħaq li

*"Il-qorti għandha fil-każijiet kollha tordna li ssirilha l-aħjar prova li l-parti tista' ġġib."*

Dwar l-apprezzament tal-provi prodotti, kif qalet din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawża fl-ismijiet **George Bugeja vs Joseph Meilaq**, deċiża fit-30 t' Ottubru 2003:

*"Fil-kamp ċivili għal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-ġudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fiċ-ċirkostanzi żvarjati tal-ħajja, verosimili. Dan fuq il-bilanċ tal-probabilitajiet, sostrat bażiku ta' azzjoni ċivili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, ġeneralment bastanti għall-konvinċiment. Għax kif inhu paċifikament akkolt, iċ-ċertezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan għad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-ħtija trid tirriżulta mingħajr ma tħalli dubju raġjonevoli. Kif kompla jingħad fl-imsemmija kawza "Farrugia vs Farrugia", "mhux kwalunkwe tip ta' konflitt għandu jħalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessità li minħabba fih ma tkunx tista' tiddeċiedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' "in dubio pro reo"."*

*Il-konflitt tal-provi huma ħaġa li l-Qrati jridu min dejjem ikunu lesti għaliha. Il-Qorti għandha teżamina jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibiltà u speċjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, għandhiex verżjoni teskludi lill-oħra, anke fuq bilanċ ta' probabiltajiet, u tal-preponderanza tal-provi, għaliex dawn, f'kawżi ċivili huma ġeneralment suffiċjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant (Farrugia vs Farrugia, deċiza mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fl-24 ta' Novembru 1966).*

Hekk kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Peter Montebello vs Peter Montebello et** deċiża 19 ta' Novembru 2013:

*"Hawnhekk ta' min jirribadixxi li in tema legali huwa principju assodat fil-gurisprudenza li f'kaz ta' zewg verzjonijiet diametrikalment opposti u li jkunu plawsibbli jew possibbli dan jiffavorixxi l-konvenuti in bazi*

*ghal principju li 'onus probanti incumbit ei qui dicit non ei qui negat. ' Huwa l-attur li jrid jipprova l-fatti minnu premessi u allegati fic-citazzjoni. "Mill-banda l-ohra però, il-grad ta' prova rikjest fil-kamp civili, b 'differenza minn kawzi kriminali fejn il-ligi tesigi li l-prova tal-htija ghandha tirrizulta minghajr dubju rajonevoli, fil-kamp civili huwa bizzejjed li jkun hemm certezza morali f'mohh il-gudikant. Din c-certezza morali rikjesta f'kawzi civili hija l-effett tal-bilanc tal-probabbiltajiet. Mera possibbilta' mhux sufficjenti biex tirradika r-responsabbilta' civili. " (PA (NC)" Frank Giordmania Medici et vs William Rizzo et*" - Deciza 28 April 2004).

U kif ġie kkonfermat fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Ottubru 2001 fl-ismijiet **Brigitte Vella pro et noe vs Richard Vella**:

"*Mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita li minhabba fih ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola "in dubio pro reo ". Madanakollu "l-Qorti ....ghandha tezimina bl-ikbar reqqa jekk xi wahda mill-versjonijiet, fid-dawl tassoliti kriterji ta' kredibbilta' u specjalment dawk tal-konsistenza u versosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke jekk fuq bilanc tal-probabbilta' u preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant". Fin-nuqqas ta' korroborazzjoni tal-verzjoni tal-attur ghandha tigi applikata l-massima "actore non probante reus absolvitur* ".

Dwar il-provi li għandu jressaq l-attur, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-12 t'April, 2007 fl-ismijiet **Joseph Tonna vs Philip Azzopardi** fejn ingħad illi:-

"*In materja ta' provi, r-regoli l-aktar prevalenti fl-ordinament guridiku taghna jidhru li huma dawn:*

a) *Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku talparti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova tal-ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (actori incumbit probatio), sija fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta l-pretiza ta ' l-attur (reus in excipiendofit actor) – Ara Vol. XL v1/i/5.*

b) *Fil-kors tal-kawza dan il-piz jista' joxxilla minn parti ghall-ohra, ghax, kif jinghad, 'jista jkun gie stabbilit fatt li juri primafacie li t-tezi tal-attur hija sostenuta ' -Ara vol. XXXVII/i/577,*

c) *Il-gudikant adit mill-meritu tal-kaz hu tenut jiddeciedi iuxta allegata et probata, u dan jimporta illi d-decizjoni tieghu tigi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jigifieri, minn dawk ic-cirkustanzi tal-fatti dedotti ghab-bazi tad-donaanda jew tal-eccezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piz tal-provi ssir bazi tar-regola legali tal-gudizzju in kwantu timponi fuq il-gudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru ghax mhux ippruvat;*

d) *Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-principju tal-konvinciment liberu tal-gudikant. Lilu hu moghti l-poter diskrezzjona/i tal-apprezzament tar-rizultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaza l-konvinciment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu. Naturalment dik id-diskrezzjoni tieghu hi soggetta ghal dak il-limitu legali impost fuqu mill-artikolu 218 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili li jrid li fis-sentenza tinghata motivazzjoni ragonata li tikkonsenti l-kontroll tal-hsieb logiku segwit fuq appell interpost mis-sentenza. Motivazzjoni din, li jekk jinstab li tirrispondi mal-logika u rrazzjonalita', kif ukoll koerenti mal-elementi utilizzati allura skont gurisprudenza konkordi, ma tigix disturbata minn Qorti ta' revizjoni – Ara b 'ezempju*

*Ramchand Kilumal noe vs Jessie Blanco -App. 30 ta' Gunju, 1912 (Vol. XXIV/i/104)* '.

Il-Qorti tagħmel referenza wkoll għas-sentenza fl-ismijiet **Magro Bradley vs Curmi Sarah** deċiża fil-25 ta' Ġunju 2012:

*"Il-Qorti allura trid tara jekk l-attur issodisfax dak l-oneru billi wasal biex jipprova l-legittimita' tal-pretensjoni tieghu jew inkella kellhiex il-Qorti tapplika r-regola ta' gudizzju li l-fatti allegati ma gewx sodisfacjentement pruvati (non esse el non probari paria sunt). Ghal dak li huwa apprezzament tal-provi, il-kriterju determinanti mhuwiex jekk il-gudikant assolutament jemminx dak li jkun gie spjegat lilu, izda jekk dawk l-ispjegazzjonijiet humiex verosmili fic-cirkostanzi svarjati tal-hajja (ara l-kawza fl-ismijiet <u>Borg vs Bartolo</u> deciza nhar il-25 ta' Gunju 1980 mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri)). Il-grad ta ' prova rikjest fil-kamp civili huwa dak li bizzejjed li jkun inissel certezza morali f'mohh il-gudikant li tkun indotta minn preponderanza ta' provi meqjusa fuq bilanc ta probabilitajiet (ara l-kawza fl-ismijiet <u>Caruana vs Laurenti</u> deciza nhar it-8 ta' April 1994 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, il-kawza fl-ismijiet <u>Borg vs Manager ta' I-Intrapriza tal-Halib</u> deciza nhar is-17 ta' Lulju 1981 mill-Prim 'Awla tal-Qorti Civili".*

Fis-sentenza tagħha tas-26 ta' Settembru 2013 fil-kawża **Chef Choice Limited vs Raymond Galea et**, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili qalet hekk :-

*"Illi l-Qorti tqis li, ghalkemm il-grad ta' prova fil-procediment civili m'huwiex wiehed tassattiv daqs dak mistenni fil-procediment kriminali, b'daqshekk ma jfissirx li l-provi mressqa jridu jkunu anqas b 'sahhithom. Il-prova mistennija fil-qasam tal-procediment civili ma tistax tkun semplici supposizzjoni, suspettjew kongettura, imma prova li tikkonvinci lil min irid jaghmel gudizzju (ara P.A. DS 13.2.2001 fil-kawza fl-ismijiet Nancy Caruana vs Odette Camilleri mhix pubblikata, imma fdan ir-rigward, konfermata mill-Qorti tal-Appell fis-27.2.2004)* ...

*Illi minbarra dan, il-parti attrici ghandha l-obbligu li tipprova kif imiss il-premessi ghat-talbiet taghha b'mod li, jekk tonqos li taghmel dan, iwassal ghall-helsien tal-parti mharrka (App. Inf JSP 12. l. 2001 fil-kawzafl-ismijiet Hans J. Link et vs Raymond Mercieca).*

*Il-fatt li l-parti mharrka tkun ressqet verzjoni li ma taqbilx ma' dik imressqa mill-parti attrici ma jfissirx li l-parti attrici tkun naqset minn dan l-obbligu, ghaliex jekk kemm-il darba l-provi cirkostanzjali, materjali jew fattwali jaghtu piz lil dik il-verzjoni tal-parti attrici, l-Qorti tista' taghzel li toqghod fuqha u twarrab il-verzjoni tal-parti mharrka. Min-naha l-ohra, il-fatt li l-parti mharrka ma tressaqx provi tajba jew ma tressaq provi xejn kontra l-pretensjonijiet tal-parti attrici, ma jehlisx lil din milli tipprova kif imiss l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet taghha (App. Inf PS 7.5.2010fil-kawza fl-ismijiet Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil);*

*Illi huwa ghalhekk li 1-ligi torbot lill-parti f'kawza li tipprova dak li tallega (Art. 562 tal-Kap 12) u li taghmel dan billi tressaq l-ahjar prova (Art. 559 tal-Kap 12).*
*Illi l-Qorti tqis li, izda, bhal ma jigri f'kazijiet bhal dawn, il-verzjonijiet tal-partijiet u ta' dawk li setghu nvoluti maghhom ikunu tabilfors mizghuda b'doza qawwija ta' apprezzament suggettiv ta' dak li jkun gara. Il-Qorti tifhem li kull parti jkollha t-tendenza li tpingi lilha nnifisha bhala l-vittma u l-parti l-ohra bhala l-hatja, u dan jghodd ukoll ghall-verzjonijiet li jaghtu dawk il-persuni l-ohrajn li jkunu b'xi mod involuti fl-episodju. Huwa d-dmir tal-Qorti li tgharbel minn fost dawn il-verzjonijiet kollha u minn provi indipendenti li jistghu jirrizultaw il-fatti essenzjali li jistghu jghinuha tasal biex issib x'kien li tassew gara u kif imxew l-afarijiet;*

*Illi l-Qorti tifhem li, fil-kamp civili, il-piz probatorju m'huwiex dak ta' provi lil hinn mid-dubju ragonevoli (App. Inf PS 7.5.2010 fil-kawza fl-ismijiet Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil). Izda fejn ikun hemm verżjonijiet li dijametrikament ma jaqblux, u li t-tnejn jistghu jkunu*

*plawsibbli, il-princpju ghandu jkun li tkun favorita t-teżi tal-parti li kontra taghha tkun saret l-allegazzjoni (P.A. NC 28.4.2004 fil-kawza fl-ismijiet Frank Giordmaina Medici et vs William Rizzo el).*

*La darba min kellu l-obbligu li jipprova dak li jallega ma jsehhlux iwettaq dan, il-parti l-ohra m'ghandhiex tbati tali nuqqas u dan bi qbil mal-principju li actore non probante reus absolvitur (P.A. LFS 18.5.2009fil-kawza fl-ismijiet Col. Gustav Caruana noe et vs Air Supplies and Catering Co. Ltd.)*

*Min-naha l-ohra, mhux kull konflitt ta' prova jew kontradizzjoni ghandha twassal lil Qorti biex ma tasalx ghal decizjoni jew li jkollha ddur fuq il-principju li ghadu kemm issemma. Dan ghaliex, fil-qasam tal-azzjoni civili, l-kriterju li jwassal ghall-konvinciment tal-gudikant ghandu jkun li l-verzjoni tinstab li tkun wahda li l-Qorti tista toqghod fuqha u li tkun tirrizulta bis-sahha ta xi wahda mill-ghodda procedurali li l-ligi tippermetti fil-process probatorju (App. Civ. 19.6.2006fil-kawzafl-ismijiet Emanuel Ciantar vs David Curmi noe).*

*Fit-twettiq ta' ezercizzju bhal dak, il-Qorti hija marbuta biss li taghti motivazzjoni kongruwa li tixhed ir-ragunijiet u l-kriterju tal-hsieb li hija tkun haddmet biex tasal ghall-fehmiet taghha ta' gudizzju fuq il-kwestjoni mressqa quddiemha (App. Inf 9.1.2008 fil-kawza fl-ismijiet Anthony Mifsud et vs Victor Calleja et).*

Riferibbilment għall-każ ta' llum il-Qorti għandha quddiemha żewġ verżjonijiet totalment apposti. Il-pożizzjoni tal-konvenut hija ċara. Jisħaq li ħallas għas-saldu però provi f'dan ir-rigward ma ressaqx. Mill-banda l-oħra Joseph Tabone qiegħed jisħaq illi l-bilanċ għadu dovut u in sostenn ta' dan ippreżenta *invoice* li turi li l-konsenja tal-oġġetti saret u li l-ammonti għadhom pendenti.

Fil-kuntest ta' proċeduri ċivili il-prova hija abbażi ta' probbabilità tenut kont taċ-ċirkostanzi żvarjati tal-ħajja u tal-fattispecie li kull każ jippreżenta singolarment. Fil-każ tal-lum il-

Qorti tqis li l-aktar verżjoni li għandha mis-sewwa hija dik ta' Jospeh Tabone għas-soċjetà attriċi. Tqis bħala inverosimili l-verżjoni tal-konvenut li ħallas għas-saldu u li minkejja l-ħlas li għamel ma' insistiex għall-irċevuti li jikkonfermaw li l-pagamanet sar. Dan il-fattur ikompli jsaħħaħ il-fehma tal-Qorti li l-pagamenti għandhom pendenti.

Is-soċjetà attriċi qiegħda titlob il-kundanna tal-konvenut għall-ħlas tas-somma ta' sitt elef mija u disgħin ewro (€6,190) rappreżentanti bilanċ minn somma akbar dwar il-provvista ta' merkanzija liema talba sejra tintlaqa' in konformità mal-kunsiderazzjonijiet li l-Qorti diġà għamlet.

Is-soċjetà attriċi talbet ukoll il-ħlas tas-somma ta' elf sitt mija u dsatax-il ewro u sitta u erbgħin ċenteżmu (€1,619.46ċ) rappreżentanti imgħax legali sakemm ġiet ippreżentata l-ittra uffiċjali 871/16. Ma jirriżultax li din l-ittra ġiet ippreżentanta in atti. Għalhekk mhux talli ma tirriżultax il-prova li dwar l-ittra talli naturalment lanqas ma tirriżulta l-prova tan-notifika tal-istess. Konsegwentement, il-Qorti sejra tiċħad din il-parti tat-talba kif ukoll dik il-parti tat-talba fejn is-soċjetà attriċi qiegħda titlob il-ħlas tal-ispejjeż tal-imsemmija ittra.

Finalment, is-soċjetà attriċi talbet illi l-konvenut jiġi kkundannat jagħmel tajjeb għall-ispejjeż relattivi għall-mandat ta' sekwestru 1019/16 liema talba sejra tiġi milqugħa.

**Decide**

Għar-raġunijiet kollha hawn fuq premessi u l-motivi ġa espressi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

Tilqa' l-eċċezzjoni sollevata mill-konventui Emanuel u Jane konjuġi Buttigieg u in linea ma' dak illi ngħad hawn fuq tilliberahom mill-osservanza tal-ġudizzju.

Tiċħad l-eċċezzjonijiet sollevati mill-konvenut Justin Buttigieg.

Tilqa' t-talba attriċi limitatament u tikkundanna lill-konvenut Justin Buttigieg iħallas is-somma ta' sitt elef mija u disgħin ewro (€6,190) bilanċ dovut lill-mittenti rappreżentanti kreditu għall-provvisti ta' merkanzija lilu mibjugħa u konsenjata.

Tiċħad dik il-parti tat-talba fejn is-soċjetà attriċi talbet illi l-konvenut jiġi kkundannat iħallas is-somma ta' elf sitt mija u dsatax-il ewro u sitta u erbgħin ċenteżmu (€1,619.46ċ) rappreżentanti interessi legali kummerċjali fuq l-imsemmi ammont sad-data li fiha ġiet ippreżentata l-Ittra Uffiċjali numru 871/2016. Tiċħad ukoll dik il-parti tat-talba fejn ir-rikorrenti talbet illi l-konvenut jiġi kkundannat iħallas l-ispejjeż relattivi għall-imsemmija ittra uffiċjali.

Tkompli tipprovdi billi tikkundanna lill-konvenut Justin Buttigieg għall-ħlas tal-ispejjeż kollha inkorsi mar-rikorrenti in konnessjoni mal-mandat ta' sekwestru numru 1019/2016.

L-ispejjeż ta' dan il-proċess għandhom ikunu interament a karigu tal-konvenut Justin Buttigieg.

(ft) Dr Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft) John Vella
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur